

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni  
(Il-Każ M.9371 — DSV/Panalpina Welttransport)  
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata  
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)  
(2019/C 232/10)**

1. Fit-3 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹).

Din in-notifika tikkonċerha l-impriżi li ġejjin:

- DSV A/S ("DSV", id-Danimarka),
- Panalpina Welttransport Holding AG ("Panalpina", l-Iżvizzera)

DSV takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdien, il-kontroll waħdani ta' Panalpina kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' offerta pubblika mħabba fl-1 t'April 2019.

2. L-aktivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Għal DSV: dispożizzjonijiet għal servizzi ta' spedizzjoni tal-merkanzija għal servizzi ta' spedizzjoni bl-art, bl-ajru u bil-baħar u ta' loġistika tal-kuntratti. DSV toffri servizzi ta' twassil tal-merkanzija bieb bieb għan-negozji.
- għal Panalpina: dispożizzjoni għal servizzi ta' spedizzjoni għan-negozji u tiffoka fuq servizzi ta' spedizzjoni bl-art, bl-ajru u bil-baħar u ta' servizzi ta' loġistika tal-kuntratti.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdien. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (²) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi spċifikata:

M.9371 — DSV/Panalpina Welttransport

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 122964301

Indirizz postali:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdien”).

(²) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.